

*Messaġġ taċ-Chairman tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera*

# Rabta Speċjali

Chev. Mario Coleiro OSJ

*"Joħroġ qawwi minn qiegħ qalbna s-sliem tagħna kollu mħabba"*. Hekk tibda l-ewwel vers mill-innu popolari ddedikat lill-patruna għażiża tagħna Santa Venera. Kliem li meta tixtarru u tifhmu sew tinduna kemm aħna l-Vendriżi u Santa Venera ninsabu marbutin flimkien għal dejjem. Ma tistax tifred ir-raħal tagna minn ma' din il-Qaddisa kbira li kienet waħda minn tal-ewwel li ċarċret demmha għall-imħabba li kellha lejn il-fidi f'Sidna Ġesù Kristu. Mingħajr forsi ma nindunaw eżatt meta aħna niġu mistoqsija minn fejn aħna awtomatikament meta nwieġbu nkunu qegħdin niddikjaraw din ir-rabta profonda.

Sa mill-qedem għal dawn l-aħħar sitt sekli Santa Venera VM kienet il-pern li fuqha daret l-istorja tar-raħal tagħna. Qatt ma nstema li minn mindu daħlet id-devozzjoni lejn din il-Qaddisa f'din il-parti ta' Malta dan il-post ma ssemma b'isem ieħor. Santa Venera VM mhux biss tat l-isem lill-knisja ddedikata lilha imma tat isimha lil art tal-madwar ukoll. Hekk naraw li f'mapep antiki nsibu l-ismijiet ta' *Kontrada di Santa Venera, Santa Venera dei Greci, Santa Veneranda* jew *ta' Santa Vendra*. Dawn kolla ismijiet li sa mill-Medjuevu kien imsejjaħ bihom ir-raħal tagħna. Dan juri kemm hija naturali din ir-rabta bejn il-Qaddisa u r-raħal tagħha. Matul dawn is-snin kollha dawk li għexu f'dan ir-raħal u dawk li għal xi raġuni kellhom rabta miegħu dejjem kellhom isem Santa Venera preżenti f'ħajjithom jew f'dak li kienu qegħdin jagħmlu. Hekk naraw li mal-mijiet ta' eluf li għammru f'dawn l-inħawi għal dawn l-aħħar 600 sena nsibu dawk li jintgħażlu u jew bil-ħajja tagħhom jew bil-ħidma tagħhom tejbu l-ħajja tal-kumplament tal-poplu kemm Vendriż kif ukoll dak ta' Malta inġenerali. Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-istorja jibda jiltaqa' ma' nies li ħadmu fil-komunità, oħrajn li ħallew opri ta' fejda għall-ġid tal-komunità u oħrajn li bit-talenti tagħhom ħallew teżori artistiċi li huma għal qalb il-Vendriżi. Fost dawn in-nies insibu saċerdoti, sorijiet, pitturi, skulturi, Gran Mastri, nies nobbli, nies sempliċi u

nies qaddisa. Kulħadd ħalla l-impatt tiegħu fuq il-progress tar-raħal tagħna. Min ħadem fil-qasam spritwali, oħrajn fil-qasam artistiku u oħrajn fil-qasam soċjali. Dawn in-nies kollha bil-ħidma tagħhom rabtu isimhom mar-raħal tagħna u għalhekk awtomatikament rabtu isimhom ma' Santa Venera Verġni u Martri. Il-Festa li aħna niċċelebraw kull sena hija l-isbaħ opportunità biex dawn in-nies jingħataw il-mertu li jixraqilhom u fil-jiem tal-festa nżewġu l-ispiritwalità solenni tal-festa mal-istorja sinjura tar-raħal tagħna.

Illum ninsabu niċċelebraw l-ewwel mitt sena minn mindu r-raħal tagħna għamel l-ewwel pass sabiex jieħu l-indipendenza tiegħu minn irħula oħra u kien dikjarat viċi parroċċa. Aħna l-Vendriżi tal-lum għandna d-dmir li din ir-rabta bejn ir-residenti u Santa Venera nibqgħu ngħożżuha u mmexxuha 'l quddiem biex għadduha lill-ġenerazzjonijiet futuri. Il-ħidma tagħna llum hija bżonjuża biex dan il-patrimonju li writna minn missirijietna nkomplu nikkultivawh u nżiduh biex ir-raħal tagħna jibqa' raħal ħaj, jiżviluppa u jaffronta l-futur u għalhekk l-isem ta' Santa Venera jibqa' dejjem it-tibru tagħna l-Vendriżi.

KAKIAS
Stationery

Newspapers
Photocopy Service
Toys & Games
Books
Magazines
Sweets & Drinks
Gifts
Party Items
Laundry Service
Detergents
Stationery




Shop Tel. No: 2766 6602
515A, St Joseph High Road, St. Venera